**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Paula Ciantar)**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**John Suda**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' John Suda detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 349851M fejn huwa gie akkuzat:-

Talli gewwa l-Fgura u f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Lulju 2015, ghal habta tal-11:00 hrs ta' filghodu, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *omissis* kontra l-volonta taghha, liema delitt sar sabiex din il-persuna u cioe' l-imsemmija *omissis*, tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

U aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' *omissis*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija *omissis* u l-familja taghha, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

F' kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' *omissis* u l-familja taghha ai termini tal-Art. 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Lulju, 2015 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat sekwestru ta' persuna u attentat vjolenti ghall-pudur ta' *omissis* tfajla ta' 22 sena. Din it-tfajla li kienet thobb it-tejatru u kienet attrici dilettanta applikat sabiex ghall-ewwel darba tiehu sehem f' soap opera li kienet ser tittella fuq it-televizjoni Maltija fejn il-producers kienu Herman Borg Bonaci u Frida Cauchi u l-imputat odjern John Suda kien l-scriptwriter u attur fl-istess produzzjoni. *Omissis* kellha audition fl-4 ta' Lulju 2015 quddiem l-audition board kompost mit-tlett persuni appena msemmija u wara l-audition hija rceviet message fuq Facebook minghand l-imputat fejn huwa qalilha li kienet marret tajjeb fl-audition u li kellha cans kbir tiehu l-parti ta' Alexandra. Huwa qalilha wkoll li d-decizjoni finali dwar min jintghazel kienet tispetta lil Herman Borg Bonaci izda offrielha li jkollha one to one session mieghu sabiex jghinha fid-diction u sabiex ikollha aktar kunfidenza u dan bl-ghan li jirnexxielha tottjeni l-parti[1]. *Omissis* accettat li tattendi ghal din il-one to one session u l-imputat ftiehem maghha li tmur fit-13 ta' Lulju, 2015 fl-10:00 am, f' massage studio il-Fgura, fejn huwa kien hallas ghall-uzu ta' kamra ghal xi hin.

Illi fis-16 ta' Lulju, 2015 l-imsemmija *omissis* intavolat rapport mal-Pulizija (insert a fol 3 et sequitur tal- atti processwali) fejn allegat li fil-one to one session ta' audition/taghlim li saret fit-13 ta' Lulju 2015 l-imputat kien

[1] Vide messaggi a fol 215 et sequitur

sakkar il-bieb tal-kamra fejn kellha ssir l-audition/training session u fejn kienu wahidhom u qalilha sabiex tnehhi l-hwejjeg u tibda tghid il-linji tal-personagg. Meta hija staqsiet ghalfejn kellha tnehhi l-hwejjeg huwa gholla lehnu u qalilha li dan l-ezercizzju kien mehtieg sabiex hija trabbi l-kunfidenza. Huwa mbaghad proceda sabiex jaghmlillha blindfold u qalilha sabiex l-ewwel iddur mal-kamra gharwiena tghid il-linji u mbaghad qalilha li huwa bniedem professjonali u jaf x' inhu jaghmel u proceda sabiex jaqbdilha rasha u jpoggi l-organu genitali tieghu f' halqha u sabiex ibusilha wiccha u ghonqha u qalilha terga tghid il-linji b' halqha jmiss ma' halqu. Dejjem skond ir-rapport l-imputat imbaghad proceda sabiex idahhal subghajh f' halq *omissis* ghaliex skond hu ma kinitx qed tghid il-linji sew u mbaghad qalilha sabiex tpoggi halqha hdejn l-organu genitali tieghu u terga' tghid il-linji. Meta hija rrifjutat huwa qabdilha rasha u poggiha hdejn l-organu genitali tieghu u f' din l-istanza spiccat is-session.

Illi *omissis* qabdet taxi u marret ix-xoghol fejn krollat b' mod tali li l-employer taghha kellha titlob l-assistenza ta' psikoterapista sabiex tghinha. L-imputat fil-frattemp baghat text message lil *omissis* fejn qalilha li kienet marret tajjeb fl-audition. *Omissis* ghamlet madwar tlett ijiem ma tridx tohrog mid-dar u kienet trawmatizzata bil-bosta wara dan l-incident mal-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat gie arrestat u nterrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja l-istqarrijiet nseriti a fol. 11 sa 21 fejn huwa kkonferma li saret il-one to one audition ma' *omissis* fil-message parlour il-Fgura fejn huwa kien jikri kamra minhabba li ma kellux studio. Huwa kkonferma dak li kienet qalet *omissis* izda spjega li hija m' ghamlet xejn kontra l-volonta' taghha. Huwa qal li gieli ghamel dawn it-tip ta' auditions minghajr hwejjeg izda dejjem spjega lil min ikun qed jaghmel l-audition li ma kienux obbligati li jipprocedu. Huwa sostna li fil-kaz ta' *omissis* hija fl-ebda hin ma qaltlu li ma riditx tkompli u spjega li dan l-ezercizzju kien qed isir sabiex inehhielha l-inibizzjonijiet peress li fl-ewwel audition kien raha daqsxejn robotika. *"Il-hsieb tieghi kien biex nara kemm hija komda taghmel il-parti. Jien ghedtilha biex tpoggi idejha fuqu (il-parti genitali tieghi) u tghid il-lines taghha imma qatt ma ghedtilha igerrijuli. Hija giet minn jedda mhux xi tifla zghira. Fil-fatt jien kont bghattillha messagg li ma stajtx immur u hija kienet ghadha ma ratux u ghalhekk jien xorta mort. Fil-fatt wasalt tard. Jien qatt ma ghedtilha biex tilghabli bih. I had no intention whatsoever to make love to this woman. Nudity is an active part in drama and you have to train for it. Dan irid jithaddem minghajr ebda inhibition".*

Illi fl-istess stqarrijiet l-imputat ikkonferma li gieli ghamel workshops fejn il-partecipanti kellhom jinzghu gharwenin izda "*qatt ma gara xejn ghaliex kien hemm il-konsensus".* Huwa qal ukoll li ghalkemm ma kienx hemm xeni fejn kellu jkun gharwien fis-serje kien neza' l-hwejjeg fl-audition ma' omissis sabiex *"nara how cool she can stay f' dawn is-sitwazzjonijiet".* Huwa sostna li kien informa lil Herman Borg Bonaci li kellha ssir din is-session u spjega li huwa ghandu warrant ta' ghalliem b' erbghin sena esperjenza fid-drama u qal li kien ilu jaghmel dawn it-tip ta' sessions

madwar tletin sena minn mindu ghamel xi korsijiet barra minn Malta. John Suda qal li dan it-tip ta' ezercizzju isir sabiex "l-*attur ikun minghajr inhibition u ma jibqax attur imma personagg".* Meta huwa gie mistoqsi jekk *omissis "Qabel me giet kienet taf ghaliex gejja?"* huwa rrisponda "*Meta dahlet gewwa l-istudio jien spjegajtilha li ser nahdmu fuq l-inhibitions biex nara x' kapaci taghmel bhala attrici biex tinterpreta l-personagg".* Huwa sostna ukoll li hadd ma jitkellem fuq dawn it-tip ta' workshops "*Ghax int ma tmur toqghod tghid xi jsir ghaliex din hija professional thing u it is unethical to talk about it". Huwa* kkonferma li kien qal lil *omissis* sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien sehh fl-audition izda spjega li dan jaghmlu ma' kull min jigi ghal individual workshop *"biex one jghid I am being given special treatment u two biex jekk ma nsejjahx lil xi hadd ma jghidux li hemm xi preferenzi u biex ma noholqux bad blood bejn il-cast".*

Ikkunsidrat:

Illi l-parti civili *omissis* xehdet bil-procedura tal-videoconferencing waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2016 fejn spjegat li hija kienet thobb tirrecta u kienet ilha tiehu sehem fil-pantomimes u fit-tejatru mill-eta' ta' tlettax –il sena. Hija spjegat ukoll kif kienet applikat sabiex taghmel audition ghall-parti fis-serje Intricci fuq it-television u kif kienet giet imsejha ghall-audition fejn kien hemm prezenti Frida Cauchi, l-imputat John Suda u Herman Bonaci u kif fl-ahhar tal-audition Bonaci qalilha li ghal persuna li kienet qed taghmel audition ghal fuq it-television ghall-ewwel darba kienet marret tajjeb u kienet ser tisma' minghandhom. Hija qalet ukoll li

tlett ijiem wara rceviet messagg fuq Facebook minghand John Suda (vide messaggi a fol 215 et seq) fejn qalilha hekk:-

*Prosit tal-audition li kellek is-Sibt. Din ma tfissirx li inghatajt parti. Dik Herman irid jiddeciedi, ghalkemm naf li qara n-notes tieghi dwarek. Jekk jinteressak jien lest li naghmillek xi sessions biex tkompli titharreg u tkun aktar kunfidenti.*

*Omissis* spjegat li hija accettat din l-offerta u giet miftehma data u post fejn imbaghad l-imputat qalilha *"Revise lines you had for the audition".*

Illi l-parti civili qalet li meta waslet fil-massage studio, il-Fgura indikat lilha mill-imputat hija sabet mara fil-post fejn kien hemm ukoll zewgt itfal boys u din il-mara qaltilha sabiex tistenna lill-imputat li wasal 45 minuta tard u qalilha li kien prova jibghatilha messagg fuq Facebook sabiex jikkancella peress li kellu problemi bil-karozza izda meta nduna li ma kinitx qrat il-messagg, huwa mar xorta ghall-appuntament. Hija tkompli tghid li huma mbaghad telghu fuq wahedhom f' kamra qisha studio fejn huwa qalilha sabiex tibda tghid il-linji izda wara ftit waqqafha u spjegalha li sabiex tkun attrici tajba kellha tifhem il-hames sensi u tinsa l-inhibitions taghha. Huwa qalilna li kienet stiff u mbaghad proceda sabiex isakkar il-bieb tal-kamra, jpoggi c-cavetta fil-but tal-qalziet u qalilha li ser jaghmlu ezercizzju fejn jillimitaw l-inibizzjonijiet taghha. Huwa produca blindfold u qalilha sabiex tinza l-hwejjeg u tilbisha u tibqa' biss bl-underwear. Meta x-xhud staqsiet ir-raguni il-ghala hija kellha taghmel dan, l-imputat qalilha sabiex ma tinkwetax, li huwa jaf x' inhuwa jaghmel, li huwa

bniedem professjonali u talabha tafdah ghaliex din il-haga kien ghamilha ma' hafna attrici ohrajn. *"Qalli jekk trid issir attrici tajba inti trid tkun preparata taghmel dawn l-affarijiet".*

Meta *omissis* wriet riluttanza sabiex taghmel dak mitlub minnha l-imputat beda jgholli lehnu u jghidilha li setghat ma taghmel xejn izda jekk vera riedet tiehu l-karriera bis-serjeta kellha bilfors taghmel dawn l-affarijiet. Din ix-xhud spjegat li hija bdiet tirrepeti li ma kinitx komda taghmel dak mitlub minnha u l-imputat beda jirrispondi billi jirrepeti li kellha tafdah ghaliex kien bniedem professjonali. Hija spjegat li fl-ahhar accettat li tinza l-hwejjeg u l-imputat libbisha l-blindfold. *Omissis* irrispondiet hekk ghal domanda tal-Qorti *"U inti eventwalment ghalfejn accettajt ?"*

*"Ghax hassejtni ma kelliex option iehor, il-bieb kien imsakkar, hassejtni skomda. Hu …. kien attur li jiena I used to look up to, ghandu isem kbir f' Malta and once I was expressing that I don't feel … baqa' jinsisti kif ghidtlek I had no other option".*

*Omissis* kompliet tispjega li wara li qalet il-lines tal-iscript madwar hames jew sitt darbiet iddur mal-kamra liebsa l-underwear u bil-blindfold l-imputat qalilha li kellha tnezzghu u qabdilha idejha u beda jholl ic-cinturin. Huwa qalilha li issa huma kienu t-tnejn bl-underwear u rega' talabha tirrepeti l-lines izda wara ftit qalilha li kienet qed tkun stiff u talabha tnehhi l-underwear u qalilha li huwa ser jaghmel l-istess. Meta hija rrispondietu li ma riditx beda jirrepeti l-affarijiet li kien qalilha qabel u beda jghidilha li l-persuna li kienet qed tinterpreta, Alexandra, kienet

persuna fuq ruhha, she was introduced to sex at a young age, kienet thobb l-irgiel u aktar 'il quddiem kien ser ikun hemm xena fejn ikollha x' taqsam ma' ragel akbar minnha. *Omissis* tghid li hija qaltlu li ma kien hemm xejn minn dan fl-iscript li kienet inghatat, u huwa qalilha li kienet 'stiff', talabha tnehhi l-blindfold u qalilha sabiex timtedd hdejh mal-art u mbaghad fuqu u tippretendi li qed tipprova tqajmu mill-mewt. Hija qalet li ma marritx fuqu izda mteddet hdejh u kompliet tghid il-linji izda huwa gibidha fuqu u qalilha tirrileksja. Huwa mbaghad beda jmissilha dahrha, kuxxtejha u ghonqha u beda jipprova jbusha u jghidilha sabiex taghmel l-istess. Ix-xhud spjegat li hija m' ghamlitx hekk u l-imputat imbaghad qalilha sabiex tqum u tghid il-linji quddiem il-parti genitali tieghu u meta hija rrifjutat huwa qalilha li tista' taghmilha u bhal speci mbuttalha rasha 'l isfel u qalilha tghid il-linji u proceda sabiex imissha fuq kull parti ta' gisimha u beda jbusha. Hija tghid li baqghet b' halqha maghluq u ma bisitux lura u huwa rega' qalilha li qed tkun 'stiff' u mhux qed taghti kaz dak li kien qed jghidilha u mbaghad dahhal subghajh f' halqha u qalilha li dan kien ser jghinha fid-diction. Dejjem skond ix-xhud l-imputat mbaghad qabdilha idejha u poggiha fuq il-parti genitali tieghu li kienet eretta u talabha tiddeskrivi dak li kienet qed thoss. Hija tghid li gibdet idejha izda huwa rega' hatafielha u qalilha li setghat taghmilha. *Omissis* tghid li hija bdiet thares lejn l-art u kienet ser tinfaqa' tibki u kellha ghajnejha homor u halqha jirtghod u l-imputat qabdilha wiccha u beda jipprova jgeghlha tidhaq. L-imputat beda jitlobha tmellsu (to fondle him) u hija rrifjutat u nfaqghet tibki. F' dan l-istadju imbaghad l-imputat qalilha li kienu lesti u talabha tilbes, libes hu u ha c-cavetta mill-but u fetah il-bieb. Huwa qalilha li kienet marret tajjeb u sabiex ma tghid lil hadd dwar dak li kien gara dakinhar.

*"Qalli, ghax hemm hux peress li ma ghajjatx l-atturi kollha, qalli mhux sew u qalli jien ma qadtx nghid lil Herman fuq x' qed jigri. Qalli … hsibt li naghmlu dan il-workshop ghall-interess tieghek sabiex nghinek".*

Illi l-parti civili spjegat ukoll kif kienet trawmatizzata wara din l-esperjenza u qalet li l-imputat baghtilha messagg fuq Facebook fejn qalilha li *"You did extremely well. Very pleased with u. Just practice voice articulation and projection".*

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2016 fejn essenzjalment rega' irribadixxa f' hafna aktar dettall dak li kien qal 'a tempo vergine' meta gie nterrogat mill-Pulizija u rrilaxxja l-istqarrija li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq. Huwa sostna li dak kollu li sar sehh bil-kunsens tal-parti civili:-

*"Wara li spjegajtilha staqsejtha jekk hijiex disposta tahdem bl-underwear, setghet qaltli le, imma harset ftit lejja, qaltli, ninza l-hwejjeg ? Ghidtilha jekk thossok komda, u nezghet".*

Illi l-imputat spjega f' dettall kbir li huwa kien qed jadopera metodologija li kienet giet krejata minn awturi barra minn Malta sabiex atturi jew aspiranti atturi jitghallmu jeghlbu l-inhibitions u jadoperaw gisimhom

sabiex isiru l-personagg li jkunu ser jinterpretaw. L-imputat prezenta letteratura f' dan ir-rigward[2]. L-imputat spjega:-

Xhud: Wahda mill-ikbar inhibitions li certament tezisti fis-socjeta' hija being naked, being undressed in front of others. Jigifieri ghidt mela din m'ghandix dak it-tip ta' inhibition. Biex iktar noholqilha impuls ta' perikoluzita' ghidtilha biex tilbes blind fold. Issa meta bniedem tghattilu ghajnejh l-ewwelnett ikun konxju aware tal-environment ghax tibda thoss u tibda tisma' izjed u tkun izjed aware, imma fl-istess hin ma tafx x'qed jigri madwarek u ghidtilha walk around the room, u din imxiet. Ghidtilha walk around the room and say your lines u bdiet. Ghidt mela all right, imbaghad at that point ghidtilha ara nehhi l-blind fold issa. Imbaghad next step ghidtilha kapaci tnehhi dawn ukoll? U nehhiethom. Jien ghalija ma ghamlitx differenza as such jigifieri jiena li kien jinteressani l-expression ta' wiccha u ghajnejha.

Dr. J. Giglio: Ghaliex?

Xhud: Ghax hemmhekk irridu naraw jekk hiex genwinament qed tgheleb l-ostaklu u biex nghid il-verita' ghall-perjodu kwazi kollu tal-workshop il-harsa ta' ghajnejha kienet mhux talli ma kinitx qed thossha intimidata imma kienet qed tisfida.

Dr. J. Giglio: Xi jfisser dan? Xi jfisser dan?

Xhud: Jigifieri ghall-parti li kienet se taghmel din il-mara ma kienet qatt ha thossha intimidata minn personaggi ohra maskili ghax nerga' nghid il-paradoss hu illi l-attur jisparixxi imma effettivament jibqa' hemm, imma ma jkunx hu jkun il-personagg. Imma qed isellef gismu lill-personagg. Jigifieri jekk l-attur ghandu problema ha tirrifletti ruhha fil-personagg u hadmet. Imbaghad ghidt ha nghaddi d-diffikulta'. Ahna nafu li bene o male l-mara thossha intimidata bil-... u dik

[2] Vide dokumenti esebiti a fol 604 et sequitur

mhiex tajba f'attrici allahares, trid twarrabha. Ghidtilha ssib diffikulta' jekk anke jien nigi fl-istess stat bhal tieghek? U qaltli jigifieri ha tinza'? Ghidtilha anzi nezzghani int u din nehhitli l-hwejjeg u harist f'ghajnejha jien u ma dehritx qed tikkonfondi, ghidt okay mela tajjeb u bqajna miexjin hekk nghidu l-linji. Nipprova ntiha impulsi differenti ghax l-attur jagixxi u jirreagixxi. Jigifieri jekk jiena battuta nghidhielek b'certu mod inti hafna drabi ha twegibni b'certu ton. Jekk nghidhielek mod iehor instintivament suppost twegibni b'mod iehor. Difatti jien waqt il-filming jekk ghandi close up ta' attur l-ohrajn mhux qed jidhru, jien lill-ohrajn nghidilhom irridkom tirrectawha normali ghax jekk tghiduhomli hazin il-lines hu ha jwiegeb hazin.

Dr. J. Giglio: X'jigifieri allura meta qed tghid taghti impulsi differenti waqt din il-one-to-one session?

Xhud: Impulsi differenti f'dal-kaz kienu ta' sitwazzjoni. L-ewwel underwear, imbaghad nakedness, imbaghad both naked, imbaghad being close and touching. Jiena nerga' nghid ma kelli l-ebda interess ta' sess fiha, assolutament, la fiha u lanqas f'kull student jew attrici jew attur li nahdem mieghu. Waqt ix-xoghol huwa xoghol.

Illi l-imputat qal ukoll li huwa kien ippartecipa f' aktar minn okkazzjoni wahda f' workshops fejn giet adoperata din it-tip ta' metodologija izda in kontro ezami qal li qatt ma kellu one to one sessions ta' dan it-tip ma' persuna ta' sess maskili izda biss ta' sess femminili.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat elabora fit-tul dwar l-esperjenza twila li ghandu fil-kamp tad-drama bhala attur, direttur, script writer u ghalliem. Huwa spjega kif kien igradwa mill-Universita' ta' Malta u kellu l-warrant ta' ghalliem, Huwa qal li ghalkemm fiz-zmien meta studja hu ma kinitx

tezisti l-ispecjalizzazzjoni fid-drama, huwa dejjem hadem f' dan il-kamp kemm fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll fl-MTADA.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b' zewg imputazzjonijiet (1) dik tal-arrest illegali jew sekwestru ta' persuna sabiex igieghel lil *omissis* taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga, li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u (2) l-attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' *omissis*.

<u>L-attentat vjolenti ghall-pudur</u>

Illi l-Qorti ser tibda sabiex tikkunsidra t-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u cioe' dik fejn huwa jinsab akkuzat bir-reat tal-attentat vjolenti ghall-pudur kontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti fir-rigward tar-reat in dizamina ser taghmel ampja referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza tad-9 ta' Gunju 1977 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Orazio Godwin sive Horace Laudi' u cioe':-

> "Kif inghad fis-sentenza "Rex vs Delia" 2.12.1901, App. Krim., dan ir-reat "comprende qualunque atto che si

estriusica nell' oltraggio violento all' altrui pudore per qualsiasi motivo diretto senza che nulla influisca sulla mozione del reato la diversita' della cause che abbia spinto ad agire semprecche l' azione abbia prodotta il risultato di ostreggiare violentemente il-pudore altrui".

"Dan l-artikolu 222 jistabilixxi li kull min jinstab hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur li fieh innifsu ma jikkostitwiex wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmija fl-artikolu precedenti ta' dak is-sub artikolu …………

"Il-vokabolu "attentat" huwa fis-sens ta' "osare, ardire, thebb" u mhux fis-sens ta' tentative –A.K. Il-Pulizija vs G.Cassar 18.7.59 (xliii.iv.1114).

"Wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa il-vjolenza u din tikkonsisti filli s-suggett passiv tar-reat jigi kostrett jissubixxi dak li jrid l-imputat. Il-Carrara (Vol. II 1549 pag. 403) jghid li din il-vjolenza tikkonsisti "dal concorso di due volonta' contradicentesi e poste direttamente in reciproca guerra: quella del soggetto passivo che non vorebbe patire sifatto oltraggio e quella dell' agente che vuole l' oltraggio e vuole altresi vincere colla forza fisica o col timore la conosciuta volonta del soggetto passivo e renderla come che sia impotente e resistere al suo desiderio" (App. Krim. Pul. vs F. Debono 27.10.45 Vol. xxxii.iv.938).

"Il-gurisprudenza tal-Qorti taghna hija fis-sens li, biex ikun hemm dan ir-reat, l-atti mpudici irid jkun sar fuq il-persuna tas-suggett passiv. Din il-gurisprudenza hija bazata fuq dottrina taljana, specjalment fuq il-Carrara u il-Maino li jinstabu citati f' diversi sentenzi. Meta l-att ma sarx fuq il-persuna, izda fil-prezenza taghha, il-Qrati qalu li dana ma jinkwadrax ruhu taht l-artikolu 222, izda fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri jew offiza ghall-pudur jew morali maghmula fil-pubbliku - skond il-kaz.

"Jekk wiehed jikkompara l-artikolu 222 tal-Kodici Taghna mal-artikolu tal-ligi Taljana, li fuqu ikkommentaw l-awturi citati, jirrizulta li, waqt li il-ligi Taljana tghid espressament li l-att irid jigi kommess fuq il-persuna - "commette su persuna dell uno u dell' altro sesso atti di libidine", il-ligi Maltija tghid biss "kull min jinsab hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur……"

> “Il-kommentaturi tal-Kodici Taljana kellhom necessarjament jghidu li l-att irid ikun gie kommess fuq il-persuna, ghaliex dan l-element huwa rikjest espressament mill-ligi minnhom kommentata, izda ma jidhirx li ghandu ikun rikjest fil-kaz taghna, meta id-disposizzjoni tal-ligi ma tesigijhiex.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali f’ sentenza tat-13 ta’ Novembru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Joseph Micallef u cioe:-

> L-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolent meta jsir fuq persuna taht l-eta’ ta’ tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id-disposizzjoni b’ din il-presunzjoni ta’ ligi, mill-provi jirrizulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta’ tat-tfal in kwistjoni, u f’ dan is-sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti. Kif inghad mill-Qorti Kriminali taghna komposta minn tlett imhallfin fit-2 ta’ Dicembru, 1901 fil-kawza Sua Maesta’ il Re v. Carmelo Delia (Vol. XVII,iv.7):
>
> “Atteso che secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell’ oltraggio violento all’ altrui pudore, per quasiasi motivo diretto, senza che nulla influisca sulla nozione del reato la diversita’ della causa che abbia spinto ad agire, sempre che l’ azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui”(p.8)

Illi l-Artikolu 201(b) jipprovdi hekk:-

L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem li sar mingħajr kunsens -

(a) meta jsir fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena;
(b) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern essenzjalment jidher li hemm qbil dwar kif zvolgew l-affarijiet dakinhar tat-13 ta' Lulju 2015 hlief ghal dak li jirrigwarda c-cwievet tal-kamra fejn sehhew il-fatti li jirrigwardaw il-mertu tal-kaz fejn l-imputat ikkonferma li kien sakkar il-bieb tal-kamra bic-cavetta min-naha ta' gewwa sabiex ma jidhol hadd fuqhom izda jghid li halla cwievet fil-bieb mentri *omissis* isostni li l-imputat kien sakkar il-bieb u dahhal ic-cwievet fil-but tal-qalziet.

Illi dwar kif zvolgew l-affarijiet minn dak il-punt 'il quddiem hemm qbil bejn l-imputat u *omissis* izda l-imputat isostni li kollox sar bil-kunsens tal-allegata vittma ghaliex huwa spjegalha li hija setghat taghzel li ma tkompliex izda hija min-naha taghha accettat li tkompli. L-imputat isostni ukoll li huwa kull ma ghamel kien li adopera metodologija addottata minn diversi awturi fil-kamp tad-drama u intiza sabiex tghallem lill-attur jew attrici jeghlbu l-inibizzjonijiet taghhom u jadoperaw gisimhom sabiex jinterpretaw bl-ahjar mod il-personagg li jkunu gew maghzula ghalih. L-

imputat jghid li l-agir tieghu ma kellu ebda intiza sesswali u huwa fl-ebda hin ma ghamlu ghaliex hass xi gibda lejn l-allegata vittma.

Illi l-Qorti taqbel li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-metodologija minnu adoperata tezisti u hija addottata fil-kamp tad-drama Internazzjonalment minn uhud bhala mezz ta' taghlim sabiex individwu li qed jaspira li jsir attur jeghleb l-inibizzjonijiet. Dan irnexxielu jippruvah permezz tal-letteratura li prezenta u permezz ta' uhud mix-xhieda li produca.

Illi l-Qorti qed taghmilha cara li dak l-ezercizzju li sar issa minnha aktar il-quddiem fil-korp ta' din is-sentenza bl-ebda mod ma ghandu jigi intiz bhala gudizzju fuq il-moralita' jew l-effikacja ta' din il-metodologija u dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti jidrilha li m' huwiex il-kompitu taghha tghaddi gudizzju fuq il-metodologija izda trid biss tistabilixxi jekk mill-provi li ghandha quddiemha tirrizultax ir-rejita' ghar-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat.

Illi wara li semghat lill-allegata vittma tixhed quddiemha u wara li regghat ezaminat bir-reqqa kollha dovuta u ghal darbtejn, tlieta l-istess xhieda ta' *omissis*, din il-Qorti tinsab moralment konvinta mhux biss mill-kredibilita' ta' din ix-xhud izda anki mill-fatt li din mill-bidu sal-ahhar tal-inkontru taghha mal-imputat indikatlu b' kull mezz u manjiera li hija ma riditx taghmel u ma riditx li jsir fuqha dak li effettivament sar. Minn ezami akkurat tax-xhieda taghha jirrizulta li l-komportament taghha kien qed juri bic-car li hija ma xtaqitx li tinza l-hwejjeg, li l-imputat imissha jew li hija

tmisslu l-parti genitali tieghu, ma riditx timtedd fuqu meta t-tnejn kienu gharwenin u tghid il-linji, ma riditx tghid il-linji b' wiccha quddiem il-parti genitali tieghu u hija bdiet tesprimi din in-nuqqas ta' rieda kemm bil-kliem u kif ukoll bl-agir taghha izda kien pjuttost evidenti li l-imputat beda jadopera l-axxendent tieghu fuqha billi jgeghlha tahseb li jekk tirrifjuta li taghmel dawk l-affarijiet ma kinitx ser tkun attrici tajba u billi jghidilha li hafna attrici ohrajn kienu ghamlu dawn l-affarijiet mieghu qabel.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-imputat utilizza din il-metodologija ghal skopijiet hziena fis-sens li l-agir tieghu kollu jindika li l-intenzjoni tieghu kienet mhux li jadopera din il-metodologija bhala mezz ta' taghlim izda bhala mezz sabiex igieghel lil *omissis* tissottometti ghall-volonta' tieghu.

Illi kieku verament l-intenzjoni tal-imputat kienet dik li jadopera din il-metodologija bhala mezz ta' taghlim huwa kien jispjega fid-dettall minn qabel lil *omissis* li kienet ser tigi adoperata din il-metodologija waqt il-workshop u kien jaghtiha l-opportunita' taghmel ir-ricerki taghha dwar dan il-metodu u tiehu decizjoni liberalment dwar jekk xtaqitx tissottometti ruhha ghal din il-metodologija sabiex titghallem teghleb l-inibizzjonijiet taghha u tintghazel ghall-parti. Mill-provi, u senjatament mill-messaggi li baghat l-imputat lil *omissis* u li gew riportati aktar il-fuq, jirrizulta li l-imputat induca lil *omissis* sabiex taccetta li tmur ghal one to one session billi qalilha li kienet marret tajjeb fl-ewwel audition u li huwa seta' jghinha ittejjeb id-diction f' one to one session sabiex tkun f' pozizzjoni ahjar li tintaghzel ghall-parti. Huwa fl-ebda hin ma ta l-icken indikazzjoni li dan il-workshop/session kien ser jinvolvi ezercizzju fejn hija kellha tnehhi l-hwejjeg, thallih imissha, ibusha u tghid il-linji quddiem il-parti genitali

tieghu u tmiss l-istess parti genitali tieghu. F' dan ir-rigward irid jigi precizat li l-anqas ma kien hemm xejn minn dan fl-iscript li kien inghata lil *omissis* meta hija marret ghall-ewwel audition u fil-messagg li ntbaghat lilha mill-imputat wara li accettat li tmur ghal one to one session huwa qalilha biss sabiex tipprattika dawk il-linji li kienu nghataw lilha precedentement.

Illi din il-Qorti jidrilha li l-imputat uza mezzi qarrieqa meta gieghel lil *omissis* tahseb li kull ma kien ser isir waqt is-session kien ezercizzju sabiex tigi miljorata l-abilita taghha ta' diction minghajr ma taha l-icken hjiel ta' dak li verament kellu f' mohhu. Kien biss fil-mument li hija staqsiet ghalfejn kien hemm il-htiega li tnehhi l-hwejjeg sabiex tghid il-linji li l-imputat indika li dan kien necessarju sabiex titghallem teghleb l-inibizzjonijiet. Kull darba li *omissis* bdiet tindika r-riluttanza taghha li taghmel dak indikat mill-imputat huwa beda jkun 'condescending', jgholli lehnu u jgeghlha taccetta r-rieda tieghu billi jindikalha li dawn kienu affarijiet li jsiru abitwalment minn attrici ohrajn u li hija ma setghatx tkun attrici tajba jekk ma taccettax li taghmilhom.

Illi fil-fehma tal-Qorti *omissis* tat indikazzjonijiet cari u inekwivoci li hija ma riditx tissottometti ruhha ghal dawk l-affarijiet izda l-imputat ghazel li jinjora dawk is-sinjali kollha (ghajnejn homor, dmugh f' ghajnejha, xoffa titrieghed eccetra) ghaliex l-iskop kollu tieghu kien li jgieghel lil *omissis* tissottometti ghall-volonta' tieghu u thallih ikompli fl-attentat vjolenti ghall-pudur fuqha.

Illi l-Qorti tixtieq tirrileva li l-imputat qatt ma ppartecipa f' one to one sessions ta' dan it-tip ma' persuni tas-sess maskili, kif ben tajjeb irrilevat l-avukat difensuri tal-parti civili li ukoll jkollhom inhibitions li jridu jeghlbu. Huwa pjuttost evidenti li l-imputat individwa lil *omissis* fl-ewwel audition bhala persuna ghadha zghira, vulnerabbli u malleable u ddecieda li kienet ser tkun il-kandidat ideali ghall-iskopijiet tieghu u ghalhekk proceda sabiex jikkomunika maghha tramite Facebook, jghidilha li marret tajjeb sabiex jinduciha tacceta l-proposta tieghu ta' one to one session billi jghidilha li seta' jghinha timmiljora d-diction u dan minghajr ma jaghtiha l-icken hjiel ta' dak li effettivament kien bi hsiebu jaghmel.

Illi din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dak li sehh fit-13 ta' Lulju, 2015 sar kontra l-volonta' ta' *omissis*, li l-imputat adopera mezzi qarrieqa sabiex igieghel lil *omissis* tissottometti ghall-volonta tieghu u kien jammonta ghal attentat vjolenti ghall-pudur taghha.

Illi huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

<u>L-arrest illegali – sekwestru ta' persuna</u>

Illi kif inghad aktar 'il fuq l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' sekwestru ta' persuna kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 87(1)(g).

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar meta l-arrest illegali ta' persuna jintuza bhala mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur fil-kawza Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 u cioe:

> *"Dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent… jew dik ta'… korruzzjoni ta' minorenni u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Imma ancorche' kellu jirrizulta li… f'xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Debono (Qorti tal-Appell Kriminali – deciza fit-12 ta’ Frar 2009 imbaghad intqal hekk:

> *“L-istess, ghalkemm huwa fatt pruvat l-immobilizzar tal-minuri billi l-appellant zammilha idejha wara darha w ma hallihiex ticcaqlaq, u dan kien normalment jaghti lok ghar-reat ta' sekwestru tal-persuna, f' dan il-kaz pero' dan l-agir konsistenti fl-impozizzjoni ta' persuntu fuq il-persuna tal-minuri, fih innifsu kien jikkostitwixxi element tal-istess stupru vjolent u anki hawn jezisti l-konkors formali jew ideali ta’ bejn ir-reat tal-istupru vjolent u dak ta' sekwestru tal-persuna.”*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti ma jidrilhiex li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissusisti tali reat.

Illi huwa minnu li l-imputat sakkar il-bieb tal-kamra bic-cavetta izda mill-provi rrizulta li huwa kien jaf li sid il-post Joyce Muscat li kienet fis-sular t’ isfel kellha c-cwievet tal-istess kamra u setghat tidhol liberament. Huwa kien jaf ukoll li fil-kamra kien hemm l-intercom sabiex issir komunikazzjoni ma’ min kien isfel u li dan seta’ jigi adoperat minn *omissis*. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm spazju bejn il-hgieg fil-faccata tal-kamra li kien jaghmilha facli li min kien isfel jisma’ dak li qed isir fuq u ghalhekk jisma’ kull eventwali sejha ghall-ghajnuna. Din il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li l-intenzjoni tal-imputat meta sakkar il-bieb

kienet sabiex ma jidhol hadd fuqhom waqt is-session u mhux ghaliex ried jissekwestra lil *omissis*.

Illi huwa ghalhekk mhux ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tigi mposta piena karcerarja sospiza. Il-Qorti tippreciza li giet applikata l-piena applikabbli fiz-zmien meta l-imputat ikkommetta r-reat li ghalih qed jinstab hati u cioe' qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 201(b) u 207 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija *omissis*.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur